# BLIET U RĦULA TAL-MEJTIN

Il-kelma Ċimiterju ġejja mill-Grieg: "Koimeterion", li tfisser "marqad". Fil-qedem kien jixraq sewwa dal-isem ta' marqad, għax in-nies kienu jidfnu ġewwa mimxiet taħt l-art, fi kmamar żgħar maqtugħa fil-blat. Imma l-lum, li jidfnu fil-beraħ, donnu aktar jixraq l-isem ta' raħal jew belt, lil dawk il-ġemgħat ta' oqbra ma' ġenb xulxin, li donnhom djar tal-mejtin, għax ġewwa kull wieħed minnhom ikun hemm mejjet, jew aktar minn wieħed. Meta ċ-Ċimiterju jkun imdawwar b'ħajt u magħluq b'xatba, jien ngħid għalija, nistħajlu belt imdawwra b'sur; meta jkun miftuħ, qisni nistħajlu raħal.

Hawn nitkellmu ftit fuq iċ-Ċimiterji jew imqabar tal-Palestina, billi ta' Malta kull ħadd jaf kif inhuma, għax narawhom kull jum.

Il-Palestina hemm irħula żgħar għall-aħħar, li jkun fihom xi għaxra jew tnaxer dar; u hemm bliet imdaqqsin qishom ir-rħula ta' Malta, u hemm ukoll bliet kbar sewwa, bħal Ġerusalem, Ħajfa, Ġaffa u Tel-Aviv. U oħrajn ftit iżgħar minn dawn, imma kbar ukoll.

In-nies tar-rħula ż-żgħar ikunu qishom dejjem Misilmin; u l-Misilmin tar-rħula jkunu foqra u ma jħabblux rashom biex jistagħnew. Għalihom biżżejjed li jkunu fid-dinja: qishom l-Insara ta' l-ewwel żmenijiet. Għal dan id-djar tagħhom ikunu kamra waħda, jew l-aqwa kamartejn, żgħar, u egħmara baħħ, għajr dak li ma jistgħux igħaddu mingħajru; u ċ-ċimiterji tagħhom, kif jiġi minnu, jkunu foqra wkoll. Iċ-ċimiterju tagħhom ikun għalqa: għalqa mdawra b'ħajt tas-sejjieħ, u drabi b'xejn. U ġewwa fiha tara dwawar tal-ħagar, ħaġra ħada ħaġra. Dak il-ħaġar juri li hemm qabar, jiġifieri taħtu hemm xi bniedem midfun.

Faqar fil-ħajja u faqar fil-mewt. Fil-ħajja l-egħmara tagħhom naqra ta' gorboġ; fil-mewt, ħofra ġewwa għalqa; midfuna hemm, fiha, bla tebut. Imsejkna l-Misilmin tar-rħula! Alla jkollu ħniena minn ruħhom; għax għal kemm dinhom huwa din id-dlam, minn għalihom qegħdin fis-sewwa. U wħud minnhom, jew, ħafna minnhom, fil-ftit li jifhmu, huma nies tajba ta' bil-ħaqq.

Iċ-ċimiterji Misilmin ta' l-ibliet, ma jkunux wisq xorta oħra minn tar-rħula. Bħalhom ikunu fil-miftuħ. L-oqbra jkunu ftit aħjar, għax ikun hemm fuqhom bħal marqad tal-ħaġar minġur. In-naħa tar-ras tal-mejjet, bħal kolonna żgħira wieqfa, li jgħidulha "nefes", u n-naħa tar-riġlejn, ħofra ġewwa ħaġra, li jimlewha bl-ilma nies il-mejjet, biex jixorbu minnha l-għasafar għarruħ ta' min ikun hemm midfun.

Iċ-ċimiterji ta' l-Insara, sewwa fir-rħula l-kbar (għax Insara, bħal ma għedt qabel, fir-rħula ż-żgħar ma hemmx), ikunu qishom bħal tal-Misilmin, biss li jkunu dejjem imdawwra b'ħajt għoli, u 'l hawn u 'l hemm qalb l-oqbra, xi qabar sabiħ, ta' xi ħadd għani, jew ta' xi ħadd mill-Ewropa, li ried jibqa' l-Palestina sal-mewt.

L-oqbra tar-Rħieb Franġiskani rajthom kemm-il darba wkoll. Fuq il-qabar ikun hemm sodda tal-ħagar, u fir-ras, salib tal-ħadid, għoli ftit anqas minn raġel. Fis-salib ikun hemm imwaħħla plakka żgħira tar-ram bl-isem tar-Raħeb il-midfun u l-jum li miet. Meta jaqalgħuh u jidfnu ieħor f'dak, il-qabar (għax l-Insara jaqalgħu l-mej-



**Ġerusalem. — Il-Qabar ta' Ab-Xalom, bin David, fil-Wied ta' Josafat.**

tin, għad li l-Misilmin u l-Lhud ma jaqalgħuhomx), iwaħħlu plakka oħra, bl-isem tar-Raħeb li ndifen l-aħħar. L-oqbra jkunu sarbut-sarbut, qabar ma' ġenb qabar. Rajt ukoll darba ċ-ċimiterju tar-Rħieb Assunzjonisti ta' Ġerusalem, li hu xorta oħra. Magħmul bħal sala kbira taħt l-art, u fil-ħitan tagħha mħaffrin donnhom fran, fil-għoli u fil-baxx. Il-mejjet idaħħluh ġewwa forn minn dawka l-fran u jagħlquh hemma bi rħama; nmbagħad fuq ir-rħama jiktbu ismu u l-jum li fih miet.

L-oqbra tal-Lhud qegħdin ġewwa l-Wied ta' Ġosafat, taħt ir-riħ ta' fejn kien it-tempju. Dawn iħaffru ħofra żgħira, jiksru saqajn il-mejjet u jaqalbuhomlu għal fuq żaqqu u jidfnuh hemm. Jordmu l-qabar u fuqu jagħmlu ħaġra waħda kbira, drabi bl-isem tal-mejjet u xi kliem ieħor, u drabi b' xejn.

Fil-Palestina kien hemm gwerra kbira fis-sena 1917, u mietu fiha għadd

kbir ġmielu ta' suldati Ingliżi. Għall-ewwel lil dawna difnuhom fejn mietu, fil-għelieqi u fuq l-għoljiet. Imma wara ġabruhom, u għarfu isimhom mill-medalja li kienu jidfnu magħhom, u għamlu għalihom ċimiterju tal-Gwerra. Hemm ċimiterju minn dawn, kbir ħafna u sabiħ, qrib Ġerusalem, fuq ħanek ta' art għoli, li l-Għarab ta' hemm jgħidulu Ġebel iż-Żejtun, imma l-Ewropin igħidulu "Mount Scopus". Imdawwar b'sur għoli ġmielu, tal-ħaġar tal-qawwi u l-oqbra minn ġewwa mqassmin qatgħa-qatgħa, u fuq nett, tidher minn kull imkien, hemm kappella, għad-Djiniet kollha. Il-kappella tkun miftuħa dejjem, u gewwa fiha, ħada l-bieb hemm mejda bi ktieb fuqha, biex min iżur iċ-ċimiterju, jekk irid, jikteb ismu fih, tifkira. Fit-tokk tiegħu hemm wieqaf salib b'xabla mwaħħla f'nofsu (sewwa sew bħal dak li hemm fit-taqsma tal-mejtin tal-Gwerra fiċ-Ċimiterju tal-Ħorr, hawn Malta). L-oqbra qegħdin kollha saff-saff, u minn kull fejn tħares, tarahom wara xulxin. Bejniethom imħawwel xitel tal-ward u nwar minn kull ġens li jikber fil-Palestina.

Ah, jaħasra! Il-Mewt, il-Mewt! Meta nkunu żgħażagħ ma naħsbux wisq fiha, imma meta nikbru fiż-żmien, dejjem quddiem għajnejna. Għal hemm aħna, u jeħtieġ li naħsbu fiha, bħal ma naħsbu fuq il-pajjiż li nkunu sejrin fih, biex ma nintilfux fit-triq. Għal taħt it-trab, mela! Ma narawx u ma nisimgħux u ma nitkellmux aktar; għal hekk jaqbel wieħed jagħmel il-ġid fejn jista', għax ftit snin oħra u jintemm kollox. Bħal ma qal San Ġwann li qal Ġesù darba: "Waqt li għandkom id-dawl, aħdmu fid-dawl! Għax jiġi l-lejl li fih ħadd ma jista' jaħdem."

Ben Jeħuża.



**Ġerusalem. — Il-maqbar tal-maqtulin fil-gwerra tal-Palestina fl-1917. Ritratt meħud mill-kittieb.**

---

*In-niġaħ ma biddu xitara.* — (Biex tirnexxi mhux meħtieġ tkun bravu). Biż-żejjed li jkollok xi ħadd qawwi biex jitfgħek 'il quddiem, bħal ma jiġri bosta drabi. Mhux meħtieġ ta' tifsir, għax id-dinja nafuha.